Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 21**

**Data:** It-Tnejn, 18 ta' Settembru 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella – Membru

**Skużat**
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana– Membru

**Online**
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**21.1 Ittri ta' apoloġiji**

21.1.1 Il-President semma li s-Sur Stephen Sultana u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati minħabba impenji personali oħrajn.

21.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżlu bħala skużati.

21.1.3 Il-President semma Dr. Azzopardi talab li jidħol online peress li ma setgħux jattendu fiżikament.

**21.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 20**

21.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

21.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**21.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 21**

21.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Max Zammit u Chev Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 t' Awwissu 2023 u t-18 ta' Settembru 2023 li kienet tammonta għall-€216,309.57

**21.4 Komunikazzjonmi mill-President**

| | |
|---|---|
| **21.4.1 DYPALL Network** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna għall-Laqgħa Annwali ġewwa Madrid. |
| **21.4.2 Skemi ta' Parkeġġ Residenzjali** | Il-President semma li kienu saru l-laqgħat kemm f' Malta kif ukoll f' Għawdex u kien talab lill-Kunsilli Lokali sabiex iħejju rapport bil-proposti tagħhom fuq is-suġġett. |
| **21.4.3 Allowance għall-Aġent Viċi President** | Il-President semma li kif kien mifthiem fl-aħħar laqgħa, il-proposta sottomessa mill-Assoċjazzjoni ġiet milqgħuha. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**21.4.4 Laqgħa mar-Reġjuni rigward l-immaniġjar ta' skart**

Il-President semma li diversi vetturi li jiġbru l-iskart issa kienu ġew installati DVRs fuqhom u hemm xi Reġjuni li kienu qed jippjanaw ukoll taħriġ għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali ta' kif jużaw is-sistema.

**21.4.5 Akkumular ta' leave għas-sena 2124 – Segreatrju Eżekuttiv**

Il-President semma li 50% tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv li kien ser ikun akkumulat u trasferit mis-sena 2023 għas-sena 2024 kien ġie approvat mid-Diviżjoni ukoll.

**21.4.5 Immanġijar tal-iskart – Finanzi**

Il-President semma li huwa konxju ta' l-isfidi li hemm min-naħa tar-Reġjun sabiex jirrikonċilja u ankijoħroġ ftaturi lill-entitajiet differenti sabiex jiġbor il-flus li qed iħallas hu għal dan is-servizz. Semma li idealment minn Jannar 2024 l-allokazzjoni deddikata għall-ġbr ta' skart tagħddi mill-ewwel għand il-Kunsill Reġjonali sabiexjiġu evitati numru ta' transazzjonijiet finanzjarji mingħajr ħtieġa.
Il-Preisdent semma li fuq l-amministratturi tal-blokok kien għadu qe djistenna sabiex jintbgżatu d-dettalji tagħhom mill-Awtorita' tal-Artijiet.
Il-President semma wkoll li jidher li hemm xi problemi sabiex il-Wasteserv tikkumpensa lir-Reġjuni għall-ġbir ta' skart organiku miċ-ċimiterji. Semma li din għandu jaraha d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali wara li kien wiegħed lir-Reġjuni li ser ikunu kkumpensati ta' din il-ġabra.
Semma li jidher li qed ikun qbil anki mill-għola awtoritajiet tal-Wasteserv li fondi mill-Gvern Ċentrali allokati għall-ġbir tal-iskart organiku għandhom jagħddu direttament lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mhux għand il-Wasteserv.

**21.4.6 Postijiet Vakanti – Segretarji Eżekuttivi**

Il-President semmà li bil-proċess li kien addottat qed ikun hemm dewmien sabiex Kusnill jew Reġjun jirċievi lista ta' applikanti li jkunu wrew interess fil-post vakant. Semma li minkejja kien hemm ftehim li l-Kunsilli jirċievu mill-ewwel il-lista ta' applikanti rrelevanti mill-preferenza li huma applikaw għaliha. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-intervisti mingħajr dewmin u l-applikant jagħżel hu fejn imur.

**21.4.7 AĠM Aġenzija Żagħżagħ**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ġiet mistiedna għal-Laqgħa Ġenerali tal-Aġenzija u kienet ser tattendi.

**21.4.8 CEMR Twinning Survey**

Il-Preisdent semma li l-assoċjazzjoni kienet irċiviet survey fuq ġemellaġġi. Semma li ser ikun qed jara li jsib ħin biex dan jimtela'.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| | Il-President semma li kien attenda għal-laqgħa s-Sur Anthony Chircop. |
| **21.4.9 BELEC** | Is-Sur Chircop spjega li minkejja li l-laqgħa kienet interessanti din ma leħqitx l-aspettattivi ta' dawk li attendew. Semma li huwa stenna attendenza aħjar mill-Kunsilliera. |
| **21.4.10 Ombusdman** | Il-Preisdent semma li l-Assoċjazzjoni kienet ikkupjata b' korrispondenza li l-Ombudsman bagħat lill-Infrastruttura Malta. Semma li kien tagħhom ultimatum sabiex jirrispondu lill-Kunsill ikkonċernat. |
| **21.4.11 Membership CLGF** | Il-President propona li titżallas il-membership ta' CLGF. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li titħallas.<br>Il-President semma li li l-Laqgħa Annwali ta' din s-sen aser tinżamm ir-Rwanda. Semma li l-Assoċjazzjoni ma kinitx ser tipparteċipa. |
| **21.4.12 ELDW** | Il-President semma li nhar 3 t' Ottubru hemm Webinar organizzat mill-ELDW u li għalih l-Assoċjazzjoni kienet ser tippartecipa. |
| **21.4.13 UNDP** | Il-President semma li kienu ġejjon delegazzjoni mill-Macedonia u talbu l-assistenza tal-Assoċjazzjoni sabiex ikun innominat konsulent sabiex jikkordinalhom iż-żjara kif ukoll iħejji rapport. Semma li dawn ser ikunu Malta bejn 31 t' Ottubru u 2 ta' Novembru 2023. |
| **21.4.14 Malta Disability Forum** | Il-President semma li fil-jiem li ġejjin hemm laqgħa oħra tal-Malta Disability Forum u li għaliha l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippartecipa. |
| **21.4.15 Stedina mill-Assoċjazzjoni ta' Brisban** | Il-President semma li peress li l-ispiża kienet ġejja għolja, għal din is-sena l-Assoċjazzjoni iddeċidiet li ma kinitx ser tippartecipa. |
| **21.4.16 Nomina għall-Ġieħ Ir-Repubbblika** | Il-Preisdent semma li l-Assoċjazzjoni kienet daħħlet nomina sabiex Dr. Ian Micallef ikun innominat għall-Ġieħ ir-Repubblika. |
| **21.4.17 ECAD** | Il-President semma li ECAD kienu qed jorganizzaw il-laqgħa ġewwa San Patrignano. Il-President semma li din ħabtet eżatt fid-data li l-Assoċjazzjoni ser tkun qiegħda ġewwa Brussel għall-Open Wekk tar-Reġjuni.<br>Il-President staqsa jekk kienx hemm xi ħadd intressat li jattendi. |

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **21.4.18 Guide Me Malta** | Il-President propona li jinkiteb artiklu fuq il-Guide Me Malta rigward il-ħidma tal-Assoċjazzjoni u tal-Gvern Lokali ġewwa pajjiżna.<br>Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Azzopardi kien hemm qbil li jinkiteb artiklu. |
| **21.4.19 Post Vakant fi skala 11 - AKL** | Il-President semma li kienet għada ma daħlet l-ebda applikazzjoni. Semma li r-riklam għal-post vakant kien ser jibqa' jiġi ċċirkulat. |

**21.5 Komunikazzjonmi mill-Membri**

21.5.1 Semmew id-diskussjonijiet li kienu għaddejjin min-naħa ta' GreenMt ma' diversi Kunsilli Lokali rigward il-ġbir tal-WEE. Il-President semma li wieħed għandu jassigura li dan l-iskart jiġi mormi u trattat skond il-liġi.

21.5.2 Chev. Paul Farrugia semma li waqt laqgħa mal-Cleansing jidher li ser ikun hemm Clean Up Nazzjonali mal-lokalitajiet kollha. Semma li kien spjegat li ser jingħaqdu tmien entitajiet sabiex jagħmlu l-manutenzjoni u t-tiswijiet li hemm bżonn isiru kif ukoll isir tindif ġenerali li hemm bżonn.

**21.6 Aġġornament**

21.6.1 Il-Laqgħa aġġornat si-sebgħa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa 18 t' Ottubru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.22 li nżammet nhar l-Erbgħa, 18 t' Ottubru 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**